# IL-MIXJA TAR-RANDAN 2023

IT-TIENI GIMGHA

**“Kif kien għadu jitkellem, sħaba kollha dawl għattiethom u minn ġos-sħaba nstema' leħen jgħid: "Dan hu Ibni l-għażiż, li fih sibt l-għaxqa tiegħi; isimgħu lilu.".” Mattew 17:5**

Kemm drabi, quddiem sitwazzjoni fejn habibna offra ghajnuna f’xi sitwazzjoni skabruza, ahna hsibna jekk stajnix nirrispondu b’mod differenti jew x’konna naghmlu ahna minfloku?



Il-grajja tat-Trasfigurazzjoni ta’ Kristu tant hija grajja ta’ ghageb. Tistedinna biex nikkunsidraw x’konna naghmlu ahna li kieku konna flok Pietru, Gakbu u Ganni. Kristu hadhom mill-bqija ta’ l-appostli biex jitolbu fuq il

muntanja, meta f’daqqa wahda Kristu deher liebes libsa bajda bhas-silg, jitkellem ma’ Mose u Elija l-

profeta. Quddiem dehra bhal dik kif konna ngibu ruhna ahna? Imbaghad meta shaba ghattiethom u nstemghet il-vuci ta' Alla tghid li Gesu' huwa "Ibni l-Mahbub" u tkompli tghid "Lilu Isimghu" kif konna nagixxu ahna?

Forsi konna nitilqu nigru biex inxandru l-ahbar it-tajba. Jew bhad-dixxipli konna nidhlu fina nfusna fis-silenzju, nibzghu u nibqghu halqna maghluq bla ma nghidu lil hadd dak li rajna u smajna? Ghalkemm qatt ma ser insibu ruhna fl-istess cirkustanzi ta' l-appostli, li nisimghu direttament lehen Alla, pero', Alla, iva, ikellimna u jghidilna biex nisimghu minn dak li Gesu' Ibnu qal u ghallem.

X'ghallem fost l-ohrajn, Kristu Gesu?

Gesu' ghallem l-imhabba lejn il-proxxmu taghna li jistghu jkunu hbieb, familja, kollegi u anke lil dawk li ma nafuhomx. Alla jikkomunika maghna u jghidilna biex inhobbu lill-proxxmu taghna bhalna nfusna. Dan id-dawl li bih idawwalna Alla qed jghinna biex nohorgu miz-zona taghna ta' kumdita' ghad-dawl li bih inebbahna? Jew huwa ehfef li ninghalqu fina nfusna u nibqghu nghixu fis-silenzju tad-dlam? Irridu nistaqsu lilna nfusna kif Alla sejhilna biex nghaddu l-kanali tal-grazzji tieghu lil ohrajn. Kull bniedem huwa msejjah b'mod differenti, izda ilkoll biex tikber is-Saltna t'Alla.

Meta naghmlu hekk inkunu nuru li ahna xiehda ta' dan l-Iben Mahbub u li ahna nisimghu minnu.

KIF TAHSEB LI ALLA QED IKELLMEK KULL JUM TA' HAJTEK?